# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 15-15

**Data:** 26 ta' Frar 2015

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier

Is- Sur Vincent Bongailas, Kunsillier ġie skużat minħabba raġunijiet ta' mard

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Jannar 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Pawlu Bongailas.

3. **Ħwejjeg li jirriżultaw mill- Minuti ( Seduta 14.15);**

3.1 Punt 4.14 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku ippreżentat il-konferma minn naħa tal-organizzazjoni GRASP illi m'hemm l-ebda ħlas biex il-Kunsill jidħol membru ta' din l-istess organizzazjoni.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament li għandha timtela l-applikazzjoni biex b'hekk il-Kunsill jibda jirċievi 'leaflets' ta' informazzjoni dwar l-energija effiċjenti mingħand din l-organizzazjoni.

3.2 Punt 6.1a mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku ippreżentat email mingħand Transport Malta fejn dan id-Dipartiment ta' l-approvazzjoni tiegħu dwar is-sinjali li jrid isir ma' 'roundabout' ta' Triq Patri Mattew Sultana.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed iġġib kwotazzjonijiet differenti biex dawn isiru fi żmien qasir.

3.3 Punt 6.3d mill-Minuti preċedenti; is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi 'rċeviet formalment minn Transport Malta il-konferma biex Triq is-Salvatur tiġi '2 Way' temporarjament sakemm il-proġett tal-parkeġġ jitlesta għar residenti tal-inħawi biss.

Il-Kunsill stess issuġerixxa li tintbgħat email lura lil Transport Malta biex jiggwidana fejn hu l-aħjar post li jitwaħħlu it-tabelli biex wieħed ikun mgħarraf minn Triq Marina li t-telgħa saret issa '2 Way'.

3.4 Punt 6.3e mill-Minuti preċedenti; is-Sindku spjegat illi l-qsari l-ħodor li fis-seduta ta' qabel ġie deċiż li jitneħħew mit-toroq ser ikunu qegħdin jitneħħew aktar tard fix-xhur li ġejjin minħabba il-fatt illi trid tinxef sewwa il-ħamrijja ta' ġo fijhom biex kemm jista jkun ma nħamġux it-toroq.

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar każ ta' danni fit-'tyres ta' resident il-Kalkara fi Triq Marina li seħħ aktar kmieni fix-xahar ta' Frar.
Spjegat illi kif din il-persuna ser tgħaddilna ir-rapport formali bir-ritratti, il-Kunsill ser ikun qiegħed iħallsu għad-danni li sofra skond il-liġi.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-punt 4.1.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li 'rċeviet mingħand tifel ta' resident il-Kalkara fi Triq Rnella, fejn dan qed jitlob il-Kunsill biex isir parkeġġ riservat għal missieru.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-persuna għanda timla l-applikazzjoni ta' Transport Malta bħal kulħadd. Kif tiġi approvata aħna niżbħu il- parkeġġ minnufih.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha aktar kmieni dan ix-xahar fuq passatemp innovattiv li din il-persuna tista toffri lir-residenti tagħna fil-Kunsill. Dan huwa kors fejn in-nies interessati jistgħu japplikaw u ikollom taħriġ fuq il-kompjuter kif ittajjar ajruplan 'online'.

Is-Sindku spjegat illi in-nies iridu jixtru minn buthom biċċa appartat irħis biex ikunu jistgħu jgħamlu dan.

Il-Kunsill talab lis-Sindku iġġib aktar informazjoni fuq dan l-apparat biex b'hekk in-nies ikunu jafu kemm hi l-ispiża qabel ma jibda dan il-kors.

4.4 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar suġġeriment li 'rċeviet permess ta' email rigward 'Minitaure Malta' li hemm tabella b'dan l-isem fi Ġnien is-Salvatur fid-daħla tal-Kalkara.

Din il-persuna qed tissuġerixxi kameras kif ukoll żieda ta' statwi li kienu 'nsterqu fil-passat.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-email għandha tintbgġat lill-Gvern Ċentrali għall-informazzjoni biex jekk ikun hemm xi fondi allokati għal affarijiet bħal dawn il-Kunsill jiġi infurmat bihom.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill bil-proposta imressqa mid-Dipartiment tas-saħħa biex isir riċeviment żgħir fil-Berġa tal-Kalkara biex b'hekk jintlaħqu aktar nies b'informazzjoni dwar is-servizzi li noffru fil-Berġa tal-Kalkara.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. tkellem lill dan id-Dipartiment biex jiggwidana aħjar dwar l-organizzazjoni ta' dan l-avveniment.

4.6 Is-Sindku ippreżentat email mingħand il-kumpanija 'Blues Limited' fejn dawn ta' l-aħħar qed jitolbu li jagħmlu 'ubend' fil-Kalkara b'riklam tagħhom.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. iġġib aktar informazzjoni dwar din il-kumpanija kif ukoll gwida mid-Dipartiment dwar reklamar fil-lokalitajiet.

4.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar email li irċeviet mingħand resident mill-Kalkara b' suġġeriment / ilment dwar il-'Bus Stop' li hemm viċin it-Triq il-Missjoni Taljana ħdejn iċ-ċumnijja.

Il-Kunsill qabel illi għandna terġa tintbgħat email formali lill-Transport Malta wara li kienu ġew diġa diskussi l-punti imsemmijin f'din l-istess email li ippreżentat lis-Sindku.

4.8 Is-Sindku ressqet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur ta' manutenzjoni tal-Kunsill rigward tarmak fi Triq Marina kif ukoll kwotazzjoni għal trinka għal fejn l-istage fi Triq Marina viċin il-bebbuxu.

Il-Kunsill kollu qabel dwar ix-xogħol li għandu jsir biex titwaħħal bozza viċin dan l-istage wara ħafna lmenti minn għand ir-residenti fuq id-dlam li hemm dawn l-inħawi.

Dwar it-tarmak fi Triq Marina il-Kunsill talab lis-Seg. Eżek. tiċċekja mal-Gvern Ċentrali minħabba il-fatt li dik it-Triq taqa taħt ir-responsabilta' tal-Gvern minħabba il fatt li din hija Triq principali.

4.9 Is-Sindku 'nfurmat il-Kunsill dwar kumitat tal finanzi li jrid jinħoloq għal Kunsill tal-Kalkara wara email li 'rċeviet mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-Kumitat għandu jkun mgħamul mis-Sindku, Seg.Eżek. kif ukoll mis-Sur Christopher Bruno ( Viċi Sindku)

4.10 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ilmenti minn għand resident fuq il-kaptelli personali tagħhom fuq il-bankini, biex il-Kunsill jgħamilom 'ubars' minħabba danni li qed ikollhom minn karozzi li jipparkjaw fuq il-bankini.

Il-Kunsill qabel unanimament li m'għandomx jitwaħħlu 'ubars' mal-kaptelli minħabba il fatt illi dawn il-kaptelli huma privati.

4.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha aktar kmieni dan ix-xahar ma nies professjonisti biex jinkiteb ktieb fuq il-Kalkara.

F'din il-laqgħa ġew diskussi punti 'nteressanti ħafna fosthom fondi biex dan il-ktieb jinħoloq.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed tiċċekja għal xi skemi / fondi fuq kotba tal-lokal.

4.12 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal–proġetti kapitali li l-Kunsill issotometta aktar kmieni fix xahar ta' Frar.
Hija spjegat illi l-applikazzjoni intogħġbot u kienet waħda tajba immens wara il-kummenti stess tan-nies involuti fil-'board' ta' evalwazzjoni, pero qalulha ukoll li fondi għal proġett ta' dan il-kobor huma m'għandhomx.

Din l-applikazzjoni ser tkun qed tiġi sottomessa lill- Gvern Ċentrali fuq il-parir ta' dan l-istess 'board'.

4.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li 'nfetħu is-sejħiet ta' l-'Online Streaming' u qed jiġu evalwati minn Inġinier kif diġa kien sar fl-istess sejħa aktar kmieni fis-Sena 2014.

**5.Komunikkazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku 'nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li attendiet aktar kmieni fix-xahar ta' Frar 2015 mal- GAL XLOKK.

Hija spjegat illi ser tkun qegħda tiltaqa formalment mal-amministratur ta' din l-għaqda biex b'hekk iġġib aktar informazzjoni dwar din l-għaqda u kif il-Kunsill tal-Kalkara jistgħa jsir membru tagħha biex b'hekk ukoll jidħol fiċ-ċans illi jieħu fondi allokati għal tisbieħ fil-lokalita'.

5.2 Is-Sindku saħqet illi hemm bżonn ta' aktar 'Litter Bins' madwar il-Kalkara bħal dawk li kienu diġa twaħħlu ix-Xatt minn naħa tal-istess Kunsill aktar kmieni fis-sena 2014 magħmulin minn ħaddiema tal-Kunsill stess.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan imsemmi hawn fuq, kif ukoll qabel illi ix-Xatt għandu jkun prijorita' biex b'hekk il-'bins' ikunu kollha uniformi qabel ma jibda is-sajf. Il-'bins' antiki li hemm għandhom jinqalaw u jitpoġġew f'postijiet oħra fil-Kalkara stess u minn flokhom jitwaħħlu 'bins' ġodda jaqblu ma dawk li diġa hemm.

5.3 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ħarġiet li ser tkun qed torganizza:

- Ħarġa Kulturali għal irġiel fil-Palazz Verdala fil- 25 ta' Marzu 2015
- Ħarġa għal kulħadd biex kull min hu 'nterresat imur jara Dramm tal-Passjoni 'mtella fis-sala ta' San Duminku il-Belt Valletta.

5.4 Is-Sindku talbet lis-Seg.Eżek. biex jinxtraw 'heaters' żgħar għal l-iskrivani tal-Kunsill minħabba l- kesħa li qed ikun hemm fir-'reception area' tal-Kunsill stess.

5.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kollu illi 'nfetħu it- 'Tenders' tal-'Live Streaming' bil-preżenza tas-Seg. Eżek. kif ukoll tal-Kunsilliera Maria Sultana.

Dawn ser ikunu qegħdin jiġu evalwati minn 'engeneer' fil-ġranet li ġejjin biex jinħoloq rapport formali u tekniku dwar dan l-apparat.

**6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA**

6.1 ***<u>Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti</u>***

**a.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Segretarja tgħin fil- propaganda tal-mixja li ssir kull sena b'risq Puttinu Cares billi 'mtella il-poster fuq il-paġna tal-'Facebook' tal-Kunsill kif ukoll l-istess poster jitwaħħal fuq kull 'Notice Board' tal-Kunsill biex

b'hekk ir-residenti ikunu infurmati b'din l-istess mixja u jkun hemm aktar konkorenza għalijha.

b. Is-Sur Chris Bruno issuġerixxa illi l-iskips li għandna fil-lokal għandhom jinbidlu mill-aktar fis possibli minħabba l-istat ħażin li qegħdin fihom.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi hija diġa għandha arranġament mal-kuntrattur il-ġdid tal-ġbir tal-iskart biex dawn l-istess skips jinbidlu fix-xhur li ġejjin.

c. Is-Sur Chris Bruno għadda lment fuq it-tabella li twaħħlet qabel tidħol mill-mina tal-Kalkara minn naħa tat-Transport Malta rigward siti ġewwa il-Kalkara minħabba li din hija 'misleading'.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi kienet diġa bgħatet ilment lill-Transport Malta fuq din l-istess tabella wara li anke id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien ġibed l-attenzjoni fuqha aktar kmieni fis-sena 2014. Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tibgħat 'reminder' lill- Transport Malta fuq dan il-każ.

d. Is-Sur Chris Bruno informa lill-Kunsill illi avviċinatu Is-Sinjorina Michaela Noelene Zammit biex tkun l-Ambaxxatriċi il-ġdida tal- Kunsill tal-Kalkara.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tinforma lill-Vot 16 b'dan imsemmi hawn fuq kif ukoll tipprepara dokumenti neċessarji biex b'hekk din iż-Żgħażugħa tibda tattendi il-laqgħat tal-Kunsill bħal l-Ambaxxaturi ta' qabel.

e. Is-Sur Chris Bruno għadda lment fuq bollards li kienu twaħħlu f'kull kantuniera mill aministrazzjoni ta' qabel dan il-Kunsill fi Triq Patri Mattew Sultana.

Is-Sur Chris Bruno spjega li dawn qegħdin imwaħħlin fil-kantunieri għalxejn u qegħdin ikunu ta punt għal aktar ħmieġ tal-klieb f'din l-istess Triq.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tiċċekja għal liema raġuni kienu twaħħlu dawn il-bollards fis-snin li għaddew.

f. Is-Sur Chris Bruno talab formalment biex tibda tintuża il-'board room' mill-Kunsilliera meta jkollhom xi laqgħa formali ma' xi resident.

Is-Sindku ma qablidtx dwar dan u spjegat illi minn ikollu bżonn jiltaqgħa ma' xi ħadd fl-Uffiċini tal-Kunsill għandu jinfurmana minn qabel biex l-istaff jagħmlu l-arranġamenti minn qabel fir-'Reception Area' tal-Kunsill.

g. Is-Sur Chris Bruno għadda ilment dwar Triq Straubenzee kantuniera ma' Triq il-Missjoni Taljana, fejn spjega li Triq Starubenzee hija waħda perikoluża immens meta sewwieq jiġi biex joħrog minna għal Triq il-Missjoni Taljana.

Huwa saħaq illi bħala Kunsill għandu jibgħat dan l-ilment lill-Transport Malta biex b'hekk Triq Starubenzee tigi 'One Way' dħul biss u l-karozzi joħorgu minn Triq il-Luqqata.

Is-Sindku ma qablidtx dwar dan is-suġġeriment u spjegat illi kull Triq li tgħati għal 'Main Road' hija perikoluża u irid ikun is-sewwieq stess illi joqgħod attent u jnaqqas il-veloċita' li jkun għaddej bih.

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

a. Is-Sinjura Maria Sultana talbet li tintbgħat email formali lill-Transport Malta dwar Parkeġġi Riservati approvati minn naħa ta' dan id-Dipartiment li hawn fil-lokal, minħabba il-fatt li jistgħa jkun li hawn residenti li qed jabbużaw minn parkeġġi reservati li sar għal nies fis snin preċedenti li dawn ġew neqsin u l-Parkeġġ Riservat tagħhom baqa miżbugħ.

b. Is-Sinjura Marija Sultana talbet l-għajnuna tal- ħaddiema tal-Kunsill fiż-żmien li ġej biex jitkompla ix-xogħol fil-ġnien Nicole Zahra fl-iskola Primarja.

Hija spjegat illi dan il-ġnien qiegħed fi stat diżastruż u mitluq u tħoss li huwa ta' diżrispett lejn il-familja ta' Nicole Zahra.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed terġa tibgħat email lid-Dipartiment tal-ħaddiema tal-Gvern li kienu qegħdin jaħdmu f'dan il-ġnien kif ukoll tibgħat xi ħaddiema tal-Kunsill biex jitkompla ix-xogħol fix-xhur li ġejjin.

c. Is-Sinjura Sultana talbet lill-Kunsill kollu biex kulħadd jibda jgħati l-ideat tiegħu għal avveniment li jsir kull sena għal komemorazzjoni tal-Monument tal-mafkar, biex b'hekk ma jinħoloqx paniku fl-aħħar xahar qabel id-data tal- avveniment.

Is-Sur Chris Bruno spjega illi l-Kunsill taż-Żgħażgħ ser ikun qiegħed jiltaqa biex jinbeda ix- xogħol għal dan l-avveniment bħas sena 2014.

Ser ikun qiegħed ukoll jgħaddi tfassil ta' programm ta' dan l-istess avveniment aktar tard sa' April 2015.

d. Is-Sinjura Sultana għaddiet ilment dwar Triq il-Kapuċċini fejn sar xogħol mill-Enemalta fl-art u ħallew fejn ħaffru bla tarmak.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi għandha tintbgħat email lill-Enemalta u ninfurmawhom li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għal ebda danni li jistgħu jinħolqu fit-tyres tal-karozzi meta wieħed jgħaddi minn hemm. Dan ix-xogħol għandu jsir minn naħa ta' l-Enemalta mill aktar fis possibli.

e. Is-Sinjura Sultana talbet li jerġa jsir rapport dwar il-bankini fil-Kalkara kif kien diġa sar qabel minn naħa tas-Seg.Eżek. lil Gvern Ċentrali.

f. Is-Sinjura Sultana ressqet ilment dwar l-istaff klerikali tal-Kunsill wara li residenti avviċinawa fuq kif qed jiġi imwieġeg it-telefown.

Sħhqet illi għandna noqgħodu attenti kif it-telefown jiġi mwieġeb biex b'hekk ma jkollniex ilmenti m'għand residenti tal-Kalkara stess.

6.3 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

*a.* Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn illi kull Kunsillier jibda jaħdem fuq informazzjoni ġenerali biex jinbeda ix-xogħol fuq il-'leaflet' li jinħareġ lir-residenti kull erbgħa xhur.

Dan il-'leaflet' għandu jinħareġ sa mhux aktar tard mill-20 ta' Marzu 2015.

*b.* Is-Sur Pawlu Bongailas informa lill-Kunsill illi l-arblu tal-Kunsill ġie komplut minn naħa tal- ħaddiema tal-Kunsill miż-żebgħa u dak kollu li kellu bżonn u ser ikun qed jieħu ħsieb huwa personali illi dan l-istess arblu jerġa jitella' f'postu fil-ġranet li ġejjin.

*c.* Is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill dwar suġġeriment li kien ġie diskuss fi-laqgħa preċedenti dwar 'Wifi' fil-Librerija tal-Kunsill.

*d.* Is-sur Bongailas saħaq illi wara li kien iċċekja ma persuna teknika fuq dawn l-affarijiet, il- konklużjoni kienet illi biex tgħaddi il- komunikazzjonijiet li hemm bżonn kif ukoll minħabba il fatt illi il-librerija hemm komunikazzjonijiet ta' l-internet minn naħa tal- Gvern Ċentrali ma kinitx ser tkun vijabbli li dan isir

*e.* Is-sur Bongailas saħaq illi hemm bżonn li jibda ix-xogħol fuq Jum il-Kalkara 2015 li issir dejjem f'Diċembru ta' kull sena biex b'hekk il-Kunsill ikollu kollox preparat minn ħafna qabel u ma jinħoloqx paniku fil-viċinanzi ta' din l-attivita'.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandu jgħamel laqgħa dwar dan imsemmi hawn fuq f'April 2015.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed jiddeċiedu fuq data fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ta' Marzu 2015.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata.

**Elaine Caruana**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Speranza Chircop**
**Sindku**